**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**10 ta' Gunju 2019**

**Rikors Numru 130/2018**

**Graziella Mifsud**

**Vs**

**Awtorita` tad-Djar**

## It-Tribunal,

Ra r-rikors ta' **Graziella Mifsud** ipprezentat fil-11 ta' Dicembru 2018 li permezz tieghu ppremettiet is-segwenti:-

*"Illi r-rikorrenti rceviet ittra ufficjali enumerata 4137/2018, datata l-ghoxrin (20) ta' Novembru, tas-sena elfejn u tmintax (2018), u notifikata lilha fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Novembru tas-sena elfejn u tmintax (2018), (hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok A') permezz ta' liema giet infurmata illi se tigi zgumbrata mill-fond fl-indirizz Blokk E, Flat 1, Triq Andre Maurois, San Giljan, stante illi qed tokkupa l-istess minghajr ebda titolu validu fil-ligi. Illi hija qed tikkontesta din id-decizjoni stante illi DAN L-IZGUMBRAMENT HUWA MINGHAJR EBDA BAZI LEGALI;*

***Illi stante illi l-esponenti hasset ruhha aggravata bl-avviz surreferit hekk kif kontenut fl-ittra ufficjali surreferita, hija qed tipprezenta dan ir-rikors, entro t-terminu ta' ghoxrin gurnata, bhala oggezzjoni ghall-istess, u ghalhekk qed tiprevalixxi rihha mid-dritt moghti lilha skont il-ligi, ai termini tal-Artikolu 12 tal-Kap 573 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan a bazi tas-segwenti ragunijiet:***

***Illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:***

*1. Illi in linea preliminari jigi sottomess, illi minkejja illi l-Artikolui 10(1) tal-Kap 573 jiddisponi illi:* ***'Id-decizjoni tal-izgumbrament ghandu jkun fiha r-ragunijiet kollha*** *ghaliex din tkun ittiehdet u ghandha tigi notifikata lil dik il-persuna li tkun trid tizgumbra permezz ta' ittra ufficjali li tipprezentata fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili jew fil-Qorti tal-Magistrati*

*(Ghawdex) fil-kompetenza taghha superjuri skont il-kaz....' l-ittra surreferita ma tinkludi l-ebda raguni ghalfejn ittiehdet din id-decizjoni, hlief li 'l-fond okkupar minghajr ebda titolu validu fil-ligi';*

*2. Illi konsegwentement, l-ittra mibghuta minn l-Awtorita' u kontenenti l-imsemmija ordni hija NULLA U RRITA stante illi hija redatta b'mod lakoniku ghall-ahhar u skarna minn ragunijiet b'tali mid u manjiera illi m'huwiex possibbli ghall-esponenti li tiddetermina r-raguni ghal din l-ordni;*

*3. Illi fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, id-decizjoni tal-Awtorita' hijab la bazi legali u dan <u>peress illi mhux minnu illi r-rikorrenti qed tokkupa dan il-fond minghajr ebda titolu validu fil-ligi u filfatt hija kienet applikat sabiex tigi rikonoxxuta bhala nkwilina, izda baqghet qatt ma hadet risposta ghal din id-decizjoni;</u>*

*4. Illi filfatt, minkejja d-diversi lmenti taghha u anke tad-defunta ommha Joan Mifsud mal-Awtorita', sabiex jintbaghat lilhom l-avviz tal-hlas, bl-ammont tal-kera dovuta minnom, l-Awtorita' naqset milli taghmel dan;*

*5. Illi l-Awtorita' ma tistax tatribwixxi kwalunkwe nuqqasijiet taghha lir-rikorrenti;*

*6. Illi di piu', ladarba t-talba taghha sabiex tigi rikonoxxuta bhala nkwilina,, QATT MA GIET RIFJUTATA u ghalhekk ghadha pendent, f'dan l-istadju ma jistax jinghad illi r-rikorrenti qed tokkupa dan il-fond minghajr titolu;*

*7. Illi konsegwentement, fil-fehma tal-esponenti d-decizjoni tal-Awtorita' intimata hija wahda kompletament zbaljata u li ma ssib l-ebda riskontru fil-fatt jew fid-dritt u dan peress illi kif se jirrizulta ahjar mill-provi prodotti waqt is-smigh tal-istanti, hija dejjem ghexet fil-fond surreferit, u dan anke qabel ma giet nieqsa ommha Joan Mifsud;*

*8. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-onus probandi li l-esponenti qieghda tokkupa l-fond de quo minghajr ebda titolu validu fil-ligi tinkombi UNIKAMENT fuq l-Awtorita' intimata u dan in vista tal-principju espress u abbraccjat mill-gurisprudenza illi min jallega jrid jipprova – qui allegat probat – stante li l-obbligu tal-prova ta' fatt, dejjem imiss lil min jallegah u dan kollu a tenur tal-Artikolu 562 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*
***Ghaldaqstant, in vista tal-konsiderazzjonijiet suesposti, kif ukoll ta' dawk ir-ragunijiet kollha li se jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, l-esponenti umilment u bir-rispett titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu sabiex filwaqt li <u>JIDDIKJARA</u> d-decizjoni tal-Awtorita' tad-Djar kif kontenuta fl-Ittra Ufficjali enumerate 4137/18, fejn talab l-izgumbrament tar-rikorrenti, <u>BHALA WAHDA MINGHAJR BAZI LEGALI, u ghalhekk ma tiswiex, u konsegwentement, IHASSARHA U JIRREVOKAHA</u> u dan prevja kwalunkwe ordni u/jew provvediment meqjus opportun fic-cirkostanzi."***

Ra r-risposta **tal-Awtorita` tad-Djar** datata 14 ta' Dicembru 2018 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:-

*"Illi r-rikorrent ma ghandu ebda titolu validu fil-ligi biex izomm il-fond mertu tar-rikors u tal-ittra ufficjali ta' evizjoni. Ir-rikorrenti tghid li l-ittra ufficjali ma ndikat ebda raguni ghall-izgumbrament imma fl-istess nifs tindika li l-istess ittra fil-fatt tafferma li r-rikorrenti qed tokkupa l-post minghajr titolu;*

*Illi r-rikorrenti hi zbaljata meta tindika li hi l-Awtorita' li trid tipprova li Graziella Mifsud ma ghandhiex titolu – l-ewwelnett ghax hadd ma jista' jkun tenut jaghmel prova negattiva u t-tieninett ghaliex jekk ir-rikorrenti qed tispera li tkompli tokkupa il-fond, hi irid ikollha titolu u jispetta lilha tipprova x'inhu dan it-titolu;*

*Illi hu ghal din ir-raguni li jispetta lilha tipprova t-titolu li qed tallega li ghandha. L-attrici qed tibza taghmel dan ghax hi stess tammetti li ma ghandhiex titolu ghaliex ma gietx rikonoxxuta bhala nkwilina fil-fond de quo; fil-fatt hi tammetti li applikat biex tigi rikonoxxuta. Applikazzjoni ma jaghmilx titolu. Ghalhekk l-ittra ufficjali hi korretta meta bhala raguni ghall-izgumbrament tindika n-nuqqas ta' titolu.*

*Illi fil-fatt il-ligi stess tindika in-nuqqas ta' titolu bhala wahda mir-ragunijiet ghaliex jista' jsir zgumbrament minn fondi governattivi;*

*Illi l-inkwilina rikonoxxuta fil-fond de quo kienet Giovanna Mifsud (id 107648M). Fit-23 ta' Lulju 2015 Graziella Mifsud bidlet l-indirizz ta' fuq il-karta tal-identita' taghha ghal fuq il-fond de quo. L-Awtorita' tad-Djar irceviet ittra datata 24 ta' Awwissu 2015 li tindika li suppost giet mibghuta minn Giovanna Mifsud, fejn gie mitlub li Graziella Mifsud tigi rikonoxxuta ukoll bhala inkwilina. Intant fid-9 ta' Ottubru 2015 Giovanna Mifsud mietet.*

*Illi fil-fatt mal-mewt ta' Giovanna Mifsud l-Awtorita' tad-Djar ma kellhiex obbligu li tirrikonoxxi bhala inkwilin anke persuna li tkun qed tghix mal-inkwilin rikonoxxut. Ghalhekk ir-rikorrenti talbet ir-rikonoxximent. Issa f'dan il-kaz il-karta tal-identita' tindika li r-rikorrenti lanqas biss kienet tghix hemm.*

*Illi l-Awtorita' tad-Djar meta tara lil min ser talloka il-fond li jkun tbattal mhux biss tara l-bzonn tal-persuna imma tara ukoll il-lista ta' applikanti u l-kobor tal-post – tkun hela jekk post li jista' jesa' familja ta' erbgha jigi allokat lil persuna li qieghda wahedha.*

*Illi l-Awtorita' ghandha dritt li talloka l-postijiet li jitbattlu mill-inwkilin rikonoxxut lil min jidhrilha hi li jkun l-aktar meritevoli.*

*Ir-rikorrenti ovvjament trid taqbez lil kull min ilu japplika u lil min jista' jkun aktar fil-bzonn minnha.*

*Illi ghalhekk saret l-ittra ufficjali li titlob l-izgumbrament skont il-ligi.*

*Ghaldaqstant it-talba attrici ma ghandhiex tigi milqugha."*

Sema' x-xhieda;

Ra d-dokumenti kollha pprezentati;

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrenti hassitha aggravata b'decizjoni kif kontenuta f'ittra ufficjali datata 20 ta' Novembru 2018 li permezz taghha giet ordnata tizgomba mill-fond Blokk E, Flat 1, Triq Andre` Maurois, San Giljan u dan peress li l-fond kien okkupat minnha minghajr ebda titolu validu fil-ligi.

**Mario Magro**, rapprezentant tal-Awtorita` intimata, stqarr illi l-fond in kwistjoni kien gie mikri lil Joan Mifsud fl-24 ta' Mejju 2010 ghal zmien hames (5) snin.

In kontro-ezami x-xhud xehed illi meta kirja tkun riesqa lejn it-tmiem taghha, l-Awtorita` intimata taghmel spezzjoni fil-fond biex tivverifika min ikun qed jghix fil-fond. Minn din l-ispezzjona rrizulta li r-rikorrenti kienet qieghda tghix fil-fond. Jispjega li peress li omm ir-rikorrent giet nieqsa, f'dan il-kaz mhux rikonoxximent ried isir izda ftehim gdid pero` dan il-process waqaf peress li l-Bord irrizultalu li r-rikorrent kienet qalbet il-Karta ta' l-Identita` fuq il-fond in kwistjoni fl-2015.

**Ir-rikorrenti** xehdet illi hija dejjem kienet tirrisjedi ma' ommha Joan Mifsud. Tispjega li qabel kienet tirrisjedi fil-fond in kwistjoni, hija kienet tirrisjedi ma' ommha f'fond iehor tal-Awtorita` tad-Djar. Tixhed illi fl-2008 il-Kunsill Lokali ta' Tas-Sliema kien dahhal sistema ta' parkegg ghar-residenti u peress li hija kienet tahdem Tas-Sliema kienet qieghda ssibha difficli biex tipparkja vicin il-post tax-xoghol. Ghalhekk, peress li kellha zija toqghod Tas-Sliema, hija qalbet il-Karta ta' l-Identita` fuq l-indirizz ta' zijitha biex b'hekk tkun tista' ssib parkegg fil-vicinanzi tal-hanut fejn tahdem. Tispjega illi wara li ghalqet il-kirja ommha kienet kitbet lill-Awtorita` intimata biex hija tigi rikonoxxuta flimkien maghha fil-kirja tal-fond in kwistjoni. Tispjega wkoll li ommha uriet ix-xewqa li tixtri l-istess fond permezz tal-Iskema tal-Awtorita` intimata "Sir Sid ta' Darek". Madankollu wara ftit xhur ommha giet nieqsa u ghalhekk hi baqghat tistenna li tigi rikonoxxuta fil-kirja. Minkejja li kienu saru xi spezzjonijiet minn ufficjal tal-Awtorita` intimata fejn kien serrhilha mohhha li kollox kien kif suppost, eventwalment hija rceviet id-decizjoni appellata sabiex tirrilaxxa l-fond in kwistjoni.

**Dr. Paul Mangion**, tabib tal-familja, spjega illi Joan Mifsud kienet pazjenta tieghu ghal xi ghoxrin sena u kien imur jinvistaha gewwa dar f'Tas-Sliema, liema dar kienet ta' ohtha pero` kien jaf li hi kienet toqghod Ta' Giorni. Jispjega li l-mewta taghha kienet ghall-gharrieda ghalkemm kienet tbati minn certi kundizzjonijiet. Min-naha l-ohra r-rikorrenti wkoll kienet pazjenta tieghu u dejjem invistaha gewwa r-residenza ta' Ta' Giorni.

**Anthony Saliba**, sid ta' hanut gewwa Tas-Sliema, xehed illi r-rikorrenti hija impjegata tieghu u ilha tahdem mieghu ghal iktar minn ghoxrin sena. Spjega li sa fejn jaf hu r-rikorrenti kienet toqghod Ta' Giorni u peress li kienet dahlet skema ta' parkegg bil-hin vicin il-hanut tieghu, huwa kien issuggerielha sabiex taqleb l-indirizz tal-Karta ta' l-Identita` fuq l-indirizz ta' zijitha li toqghod Tas-Sliema peress li kienet qieghda ssibha difficli biex tipparkja u dan sabiex ma tittardjax ghax-xoghol.

**Mary Vella**, z-zija tar-rikorrenti, stqarret illi r-rikorrenti kienet toqghod ma' ommha gewwa Ta' Giorni pero` ommha, li tigi oht ix-xhud, kienet tmur kuljum ghandha gewwa Tas-Sliema sabiex toqghod ma' ommhom peress li hi kienet tahdem. Tispjega li r-rikorrenti kienet qalbet il-Karta ta' l-Identita` fuq l-indirizz taghha peress li ma kinitx qed issir fejn tipparkja gewwa Tas-Sliema.

**James Mifsud,** hu r-rikorrenti, jispjega li lir-rikorrenti dejjem jafha toqghod Ta' Giorni ma' ommu.

**Ikkunsidra:**

Illi l-Awtorita` intimata hasset li ghandha tiehu d-decizjoni ta' zgumbrament fir-rigward tar-rikorrenti peress li fil-fehma taghha l-istess rikorrenti kienet qieghda tokkupa l-fond *de quo* minghajr titolu validu fil-ligi. L-Awtorita` intimata kienet irceviet ittra da parti ta' omm ir-rikorrenti biex bintha tigi rikonoxxuta fil-kirja maghha. Din l-ittra kienet qieghda tigi processata da parti tal-Awtorita`. Parti minn dan il-process jirrikjedi li jigi verifikat jekk min ikun qieghed jitlob li jigi rikonoxxut ikunx fil-fatt qieghed jirrisjedi fil-fond li dwaru jkun qieghed jintalab ir-rikonoxximent.

Illi l-ewwel aggravju tar-rikorrenti huwa fis-sens illi l-ittra ufficjali *de quo* hija nulla u rrita stante li hija redatta b'mod lakoniku ghall-ahhar u skarna minn ragunijiet b'tali mod u manjiera illi ma huwiex possibbli ghaliha tiddetermina r-raguni ghall-izgumbrament u kwindi ma tissodisfax dak rikjest f'artikolu 10 (1) tal-Kapitolu 573 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid is-segwenti : *"Id-deċiżjoni tal-iżgumbrament għandu jkun fiha r-raġunijiet kollha għaliex din tkun ittieħdet."*

Illi t-Tribunal josserva illi ai termini tal-artikolu 9 tal-Kapitolu 573 l-istess ligi tistipula l-istanzi fejn l-Awtorita` intimata tista' tordna l-izgumbrament fejn fis-sub-inciz (a) insibu illi dan jista' jsir jekk l-art *"tkun okkupata minn dik il-persuna mingħajr ebda titolu validu fil-liġi."* Illi t-Tribunal isib li l-Awtorita` intimata ssodisfat ir-rekwiziti ta' artikolu 10 (1) u r-raguni moghtija mill-istess m'ghandha bzonn ta' l-ebda elaborazzjoni biex tinftiehem. Madankollu, ghalkemm id-decizjoni ma tippekkax legalment, fil-kaz in ezami forsi kien ikun opportun ukoll illi, bhala prassi ta' amministrattiva tajba, tizdied linja li tghid illi

l-Awtorita` hadet id-decizjoni tal-izgumbrament stante li qieset illi r-rikorrenti ma kinitx tirrisjedi fil-fond *de quo* ghal zmien bizzejjed biex tikkwalifika ghar-rikonoxximent.

Illi fil-mertu r-rikorrenti tishaq illi hija kienet applikat biex tigi rikonoxxuta bhala kerrejja, liema talba qatt ma giet deciza mill-Awtorita` intimata, li *invece* pprocediet biex tizgumbraha abbazi tan-nuqqas ta' titolu taghha.

Illi t-Tribunal fela sew il-provi prodotti mir-rikorrenti u jirrizulta illi hija kellha kull intenzjoni li mhux biss tikri l-fond in kwistjoni izda anke li jigi mixtri minn ommha u hi taghmel tajjeb b'self bankarju.[1] Illi filwaqt li huwa veru illi l-indirizz tal-Karta ta' l-Identita` ghamel numru ta' snin juri residenza f'Tas-Sliema,[2] it-Tribunal ihoss li r-rikorrenti ippruvat sodisfacentement ir-raguni ghala kienet ghamlet bidla fl-indirizz taghha. L-Awtorita` intimata messha ghamlet ezami iktar approfondit ta' fejn verament kienet qieghda tghix ir-rikorrenti. Kieku talbitha perezempju ghal dokumenti ohra, liema dokumenti gew esebiti fil-mori ta' dawn il-proceduri, zgur li x-xenarju kien jinbidel. Dana ghaliex mid-dokumenti esebiti jirrizulta car illi r-rikorrenti kienet u ghadha tirrisjedi fil-fond in kwistjoni u ghalhekk l-Awtorita` intimata ma setghetx fuq semplicement indirizz ta' Karta ta' l-Identita` tasal ghall-konkluzzjoni li r-rikorrenti ma kinitx tirrisjedi fil-fond in kwisjtoni. U f'dan ir-rigward it-Tribunal jaghmel referenza ghad-diversi fatturi ta' Kumpanija ta' apparat domestiku minn fejn ir-rikorrenti xtrat l-istess apparat, kontijiet ta' Kumpanija li toffri servizzi ta' telefon, televizjoni u *internet* u wkoll minn certifikati ta' assigurazzjoni tal-vettura li jmorru lura sal-2011. Dawn il-fatturi u dokumenti kollha jghajjtu lir-rikorrenti fl-indirizz tal-fond *de quo* gewwa San Giljan

Illi pero`, iktar minn hekk, it-Tribunal ihoss li f'dan il-kaz partikolari, l-Awtorita` intimata kien l-ewwel messha ddecidiet it-talba ghar-rikonoxximent, innotifikat lir-rikorrenti biha *semmai* ma kinitx sodisfatta li r-rikorrenti tikkwalifika ghal rikonoxximent jew ftehim gdid, u mbaghad wara tghaddi biex tintavola l-ittra ufficjali ghall-izgumbrament f'kaz li l-post ma jigix ivvakat. Persuna li taghmel talba ghal rikonoxximent u f'daqqa wahda tircievi ittra ufficjali ghal zgumbrament zgur ma tkunx inghatat dik l-informazzjoni minima necessarja kif f'daqqa wahda minflok l-Awtorita` intimata pprocessat l-applikazzjoni taghha ssib ma wiccha ordni biex tivvaka mill-fond partikolari.

Ghalhekk, fil-fehma umli ta' dan it-Tribunal, l-Awtorita` intimata ghandha timxi b'mod iktar kawt qabel tipprocedi bl-intavolar ta' ittra ufficjal fejn titlob lil persuna sabiex tivvaka minn fond partikolari, specjalment fejn dik il-persuna tkun ghamlet talba sabiex tigi rikonoxxuta bhala inkwilin.

---

[1] Ara xhieda ta' Graziella Mifsud a fol. 42 u wkoll Dokument GM8 u GM9
[2] Ara fol. 32

Ghaldaqstant it-Tribunal huwa tal-opinjoni illi ghalkemm legalment ir-rikorrent m'ghandhiex titolu validu fil-ligi, l-Awtorita` intimata ghamlet ezercizzju superficjali wisq biex waslet ghad-decizjoni taghha li r-rikorrenti ma kinitx toqghod fil-fond in kwistjoni qabel qalbet il-Karta ta' l-Identita` taghha fuq ir-residenza *de quo,* u ghalhekk tistieden lill-istess Awtorita` sabiex tkompli tikkunsidra l-applikazzjoni ghar-rikonoxximent tar-rikorrenti jew jekk tikkwalifikax ghal ftehim gdid abbazi tal-applikazzjoni introdotta minnha wara l-mewt ta' ommha u tasal ghal decizjoni fuq l-istess applikazzjoni qabel, jekk ikun il-kaz, tipprocedi bi kwalunkwe azzjoni ohra.

**DECIDE**

Ghaldaqstant it-Tribunal, ghar-ragunijiet hawn fuq esposti, qieghed jilqa' l-appell tar-rikorrenti u jannulla l-ittra ufficjali numru 4137/18 ipprezentata fl-20 ta' Novembru 2018 u li kopja taghha tinsab esebita a fol. 6 tal-process, u konsegwentement jichad ir-risposta tal-Awtorita` intimata.

Bl-ispejjez kontra l-Awtorita` intimata.

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**